**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 11.7.10: IL-ĦMISTAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**

**IT-TLIETA, 13.7.10: Fil-4.30p.m.** Paul Tony Lentsch u Loretta Saule Genys se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.
Nifirhulhom u Nawgurawlhom.

**L-ERBGĦA, 14.7.10: Fis-7.00p.m.** Quddiesa u fiha issir **CELEBRAZZJONI PENITENZJALI** bi tħejjija għall-festa. Ikun hawn diversi konfessuri barranin għall-qrar

**IL-ĦAMIS, 15.7.10: BIDU TAN-NOVENA BI TĦEJJIJA GĦALL-FESTA TA' SANTA MARGERITA V.M. PATRUNA TAGĦNA.**

Illum fil-parroċċa se nibdew il-ġranet ta' tħejjija spiritwali għall-festa ta' Santa Margerita Patruna tagħna.

**JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

Din l-ewwel ġurnata tan-Novena se niddedikawha liż-Żgħażagħ tal-parroċċa tagħna.

**Fis-7.00p.m.** Quddiesa animata miż-Żgħażagħ flimkien mal-Kor Ulied Margerita. Jieħu sehem il-grupp orkestrali taż-Żgħażagħ tal-Parroċċa.

Nistiednu liż-Żgħażagħ kollha biex jattendu u jieħdu sehem sħiħ fil-quddiesa bi qrara u tqarbina.

## ĦRUĠ TA' L-ISTATWA MIN-NIĊĊA.

Illum dritt wara l-quddiesa jsir l-ħruġ solenni u mimli ferħ ta' l-Istatwa ta' Santa Margerita min-Niċċa tagħha, akkompanjata mill-Banda Santa Margerita.

Nistiednu lill-parroċċa kollha tkun preżenti għal dan il-bidu sabih tal-festi tal-Patruna taghna. Waqt din iċ-Ċelebrazzjoni issir GABRA għall-ispejjes tal-Festa.

**IL-ĠIMGĦA, 16.7.10: JUM IS-SAĊERDOZJU**

**Fis-6.30p.m.** Rużarju, Kurunella, Antifona u Barka

**Fis-7.00p.m.** Konċelebrazzjoni li fiha Dun Manwel Spiteri se jfakkar il-50 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Kulħadd huwa mistieden.

**IS-SIBT, 17.7.10: JUM L-IMĦABBA FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEġ.**

**Fil-5.00p.m.** quddiesa li fiha Ramona Camilleri Rapa u Jason Andrew Camilleri se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.

**Fis-6.30p.m.** Rużarju u Kurunella

**Fis-7.00p.m.** quddiesa li fiha Janice Muscat u Martin Vella se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.

Lil dawn iż-żewġ koppji nifirħulhom, nawgurawlhom u nitolbu għalihom.

**IL-ĦADD, 18.7.10: JUM IL-ĠENEROżITA'**

Fl-okkażjoni tal-festa nfittxu li nagħmlu opri ta' ġenerożita' ma' ħutna fil-bżonn (għoti tad-demm; għajnuna lil xi istituzzjoni tal-karita', offerti għal borża ta' studju fis-Seminarju; ecc.)

**GABRA:** Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja waqt il-quddiesa se tkun wkoll għall-festa.

**BILJETTI GĦALL-IKLA**

Il-ftuħ għall-Biljetti ta' l-Ikla Tradizzjonali tal-Festa se jkun nhar il-Ħamis, 15 ta' Lulju, mit-8.30a.m. 'l quddiem mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**KTEJJEB TAN-NOVENA GĦAT-TFAL**

Ħejjejna ktieb żgħir b'talb u ħsibijiet għat-tfal, għal matul in-novena ta' Santa Margerita, u anke fuljett ta' tagħrif. It-Tfal kollha huma mitluba biex jitolbuna wieħed mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija. B'hekk it-tfal tagħna, matul in-novena, jkollhom mixja spiritwali għall-festa.